MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2009

Numru. 1118/2005

Il-Pulizija
(Sp Stephen Mallia)
vs
Ronald Gerada, iben Joseph, imwieled Pieta’ fis-6 ta’ Ġunju, 1978

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat talli b’diversi atti anke jekk magħmulin fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmulin b’risoluzzjoni waħda –
1. talli fil-5 ta’ Diċembru, 2005 għal ħabta tas-sitta neqsin kwart ta’ fil-għaxija, fil-Ħamrun, flimkien ma persuni oħra mhux magħrufa, ikkometta serq ta’ vettura tal-marka Peugeot 307 Estate, bin-numru tar-reġistrazzjoni ARL 444, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li jeċċedi l-elf lira

maltin (Lm1,000) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, għad-dannu ta' Philip Borg mill-Fgura;
2. talli fl-20 ta' Diċembru, 2005 u fil-jiem ta' qabel, f'Ħaż-Zabbar u f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gżejjer, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' fuq il-vettura tal-marka Peugeot 307 Estate, bin-numru tar-reġistrazzjoni ARL 444, liema ħsara jeċċedi l-ħames mitt lira maltin (Lm500);
3. talli fl-14 ta' Diċembru, 2005, għal ħabta ta' bejn il-ħdax u nofs ta' fil-għodu u is-siegħa u nofs ta' wara nofs in-nhar, f'Birkirkara, flimkien ma persuni oħra mhux magħrufa, ikkometta serq ta' vettura tal-marka Opel Astra, bin-numru tar-reġistrazzjoni FBL 385, liema serq hu kkwalifkat bil-valur li jeċċedi l-elf lira maltin (Lm1,000) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, għad-dannu ta' Adrian Dalli minn Marsaskala u ta' Anthony Dalli mill-Fgura;
4. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi u/jew f'dawn l-aħħar jiem, f'Ħaż-Żabbar u f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gżejjer, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' fuq il-vettura tal-marka Opel Astra, bin-numru tar-reġistrazzjoni FBL 385, liema ħsara teċċedi l-ħames mitt lira maltin (Lm500);
5. talli fil-21 ta' Ottubru, 2005, f'xi ħin bejn is-sitta ta' fil-għodu u is-sagħtejn neqsin kwat ta' wara nofs in-nhar, f'Bulebel, limiti taż-Żejtun, flimkien ma persuni oħra mhux magħrufa, ikkometta serq ta' sett pjanċi tan-numri tar-reġistrazzjoni JBD 581, liema serq hu kkwalifkat bix-xorta tal-ħaġa misruqa, għad-dannu ta' Mario Scicluna miż-Żejtun;
6. talli fl-20 ta' Diċembru, 2005 u/jew fil-jiem ta' qabel, f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gżejjer, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz billi waħħal pjanċi tar-reġistrazzjoni foloz, bin-numru JBD 581, fuq vettura tal-għamla Opel Astra, bin-numru tar-reġistrazzjoni FBL 385;
7. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi għamel falsifikazzjoni jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat billi waħħal in-numru tar-

reġistrazzjoni falz li jaqra JBD 581 fuq vettura differenti tal-għamla Opel Astra, bin-numru tar-reġistrazzjoni oriġinali FBL 385;

8. talli fil-5 ta' Diċembru, 2005 u fil-jiem ta' wara, fil-Ħamrun, f'Ħaż-Żabbar u f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gżejjer, ikkometta serq ta' diversi aċċessorji tal-vettura tal-marka Peugeot 307, kif ukoll ta' 'lap top computer' tal-marka NEC, ta' 'mobile phone' tal-marka Siemens Mod. S25 komplut biċ-charger, ta' għaxar 'compact disks', ta' ħames liri maltin (Lm5) kontanti, ta' djarju personali, ta' calculator u ta' diversi dokumenti minn ġewwa vettura tal-marka Peugeot 307, bin-numru tar-reġistrazzjoni originali ARL 444, liema serq hu aggravate bil-valur li jeċċedi l-elf lira maltin (Lm1,000) għad-dannu ta' Philip Borg mill-Fgura;

9. talli fl-14 ta' Diċembru, 2005 u fil-jiem ta' wara, f'Birkirkara u f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gżejjer, ikkometta serq ta' diversi aċċessorji tal-vettura tal-marka Opel Astra, kif ukoll ta' 'lap toop computer' tal-marka HP Compaq, ta' ċurkett tad-deheb, ta' numru ta' 'software compact disks' tal-marka Microsoft, ta' cashlink card tal-Bank of Valletta, ta' cheque book tal-HSBC, ta' kartiera tal-ġilda, ta' sett pjanċi tan-numru tar-reġistrazzjoni FBL 385 u ta' diversi dokumenti, liema serq hu aggravate bil-valur li jeċċedi l-elf lira maltin (Lm1,000) għad-dannu ta' Adrian Dalli minn Marsaskala u ta' Anthony Dalli mill-Fgura;

10. talli f'dawn l-aħħar xhur u ġranet f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gżejjer xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;

11. talli f'dawn l-aħħar xhur f'dawn il-Gżejjer, malli sar jaf li xi ħaġa li kienet fil-pussess tiegħu kienet ħaġa misruqa jew ħaġa meħuda b'qerq jew akkwistata b'reat, naqas li jgħarraf lill-pulizija b'dak il-fatt fi żmien ġimgħa minn meta kien hekk sar jaf.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-28 ta' Novembru, 2006 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-

imputat u billi jidhirlu li tista’ tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –
a. fl-artikoli 18, 261(ċ)(g), 267, 271(g), 279 u 280 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikoli 18, 325, 334, 188, 185(2) u 186 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta’ din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Diċembru, 2006 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta’ Ġunju, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-għaxar akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn din l-akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 18, 261(ċ)(g), 267, 271(g), 279, 280, 325, 188, 185(2) u 186 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta’ sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma seħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba’ snin mil-lum. Rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta’ mitt euro (€100) spejjeż inkorsi fil-mori ta’ din il-kawża.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------